

Dispożittiv

L-Artikolu 1(2)(f) u l-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, dwar mezzi mediċi, kif emendata bid-Direttiva 2007/47/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Settembru 2007, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jimponux fuq importatur parallel ta' mezz mediċu, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jgħib marka CE u li kien is-suġġett ta' stima tal-konformità fis-sens tal-imsemmi Artikolu 11, l-obbligu li jwettaq stima ġdida intiża li tikkonferma l-konformità tal-informazzjoni li tippermetti li jiġi identifikat, li huwa jżid mat-tikketta ta' dan il-mezz bil-għan li jitpoġġa fis-suq tal-Istat Membru ta' importazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 118, 4.4.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-1 ta' Diċembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-152/16) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat — Regolament (KE) Nru 1071/2009 — Regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq — Artikolu 16 (1) u(5) — Regjistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq — Nuqqas ta' interkonnessjoni mar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri l-oħrajn)

(2017/C 030/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: J. Hottiaux, aġent)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentant: D. Holderer, aġent)

Dispożittiv

- 1) Peress li ma stabbilixxiex regjistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport tat-triq għalkollox konformi u interkonness mar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri l-oħrajn, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 16(1) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE.
- 2) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 191, 30.5.2016.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Hannover (il-Ġermanja) fil-5 ta' Ottubru 2016 – Andrea Witzel, Jannis Witzel, Jazz Witzel vs Germanwings GmbH

(Kawża C-520/16)

(2017/C 030/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Hannover

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Andrea Witzel, Jannis Witzel u Jazz Witzel